MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. PHILIP MANDUCA

Seduta tat-13 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 690/2002/1

**Saviour Mifsud**

**Vs**

**Korporazzjoni Enemalta**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz li fih l-attur talab il-hlas ta' Lm631.85c (sitt mija u wiehed u tletin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu) rappresentanti pagament effetwat mill-attur lill-Korporazzjoni konvenuta, fejn intalab il-hlas tas-somma mitluba, liema hlas ma kienx dovut.

Ra r-risposta fejn it-Tribunal m'huwiex kompetenti 'ratione materiae' jittratta t-talba attrici, stante li l-mertu jirrikjedi li jigu ezaminati l-konteggi fuq il-kont tad-dawl li l-attur gia kellu u li issa qed jippretendi rifuzjoni tieghu.

Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, illi l-azzjoni attrici hija assolutament u kompletament infondata

sew fil-fatt kif ukoll fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li l-ammont effettivament imhallas mill-attur kien kollu dovut, u l-eccipjenti ma ghandha tirrifondi xejn lill-attur.

Ra s-seduta datata 3 ta' Lulju, 2002 fejn xehed Saviour Mifsud u kkonferma li dejjem hallas il-kontijiet tad-dawl u ilma meta rcievijhom.

Ra l-istess seduta fejn xehdet il-mara tal-attur Kathreen Mifsud fejn qalet li l-attur kien hallas il-kont tal-Enemalta fl-ammont ta' Lm631.85 (sitt mija u wiehed u tletin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu) ghaliex l-avukat kien infurmhom li jekk ma jhallsux jaqtawlhom il-provista tal-Elettriku. Ikkonfermat li hallsu dan l-ammont taht protest u tghid ukoll li ma kellux jhallsu dan l-ammont minhabba li huma kienu dejjem ihallsu l-kontijiet. Tghid ukoll li fid-dar ghandhom air condition f'kamra wahda biss u fil-hanut tal-laham ghandhom fridge wahda u chest freezer.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra li l-kawza giet differita ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni u cioe li t-Tribunal m'huwiex kompetenti "ratione materiae".

Illi l-attur qieghed jitlob li l-korporazzjoni konvenuti tirrifondi Lm631.85(sitt mija u wiehed u tletin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu) wara li hu hallas dan l-ammont. L-attur jghid li dan l-ammont ma kienx dovut.

Illi skond l-artikolu 3(2) tal-Att V. tal-1995 dan it-Tribunal gie istitwit sabiex jisma u jaqta' biss it-talbiet kollha ta' flus ta' mhux izjed minn Lm1500 (elf u hames mitt lira Maltin).

Illi skond l-artikolu 469A I tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta) jipprovdi:

"Hlief hekk kif provdut mod iehor bil-ligi, l-qrati ta' gustizzja ta' kompetenza civili ghandhom gurisdizzjoni biex jistharrgu l-validita' ta' xi eghmil amministrattiv jew li

jiddikjaraw dak l-eghmil null invalidu jew minghajr effett fil-kazijiet li gejjin biss:

a) meta l-eghmil amministrativ ikun jikser il-Kostituzzjoni;
b) meta l-eghmil amministrativ ikun ultra vires ghal xi raguni minn dawn li gejjin;
c) meta dak l-eghmil jitwettaw minn awtorita pubblika li ma tkunx awtorizzata sabiex twettqu, jew
d) meta l-awtorita' pubblika tkun naqset milli tosserva l-principji tal-gustizzja naturali jew htigijiet procedurali mandatorji fit-twettiq ta' l-eghmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonjiet ta' qabel dwar dak l-eghmil, jew
e) meta l-eghmil amministrattiv jikkostitwixxi abbuz tas-setgha ta' l-awtorita' pubblika billi dan isir ghal ghanijiet mhux xierqa jew jissejjez fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;
f) meta l-eghmil amministrattiv ikun imur mod iehor kontra l-ligi.

Fil-kawza de Maria vs. Prim Ministru et (Appell mit-Tribunal ghat-Talbiet Zghar) deciza 662/97 gie ddikjarat:

"Hi allura s-sottomissjoni gusta tal-konvenuti li l-istharrig gjudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva …seta jsir biss fil-Qrati Civili. Infatti s-subinciz (1) ta' l-artikolu 469(a) jipprovdi expressis illi "hlief hekk kif provdut mod iehor bil-ligi l-Qrati tal-gustizzja ta' kompetenza civili ghandhom gjurisdizzjoni biex jisthargu l-validita' ta' xi ghemil amministrativ.."

Il-Qrati tal-gustizzja ta' gjurisdizzjoni civili huma dawk imsemmija fl-artikoli 2 u 3 tal-Kap 12 u hi lil dawn il-Qrati biss li hija moghtija l-awtorita' gjudizzjarja fil-hwejjeg civili ta' kompetenza tat-Tribunal ta' Malta (subinciz (2) ta' l-artikolu 2). Is-subinciz (2) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att numru 5 tal-1995, li waqqaf it-Tribunal ghat-Talbiet Zghar jispecifika li dan it-Tribunal ikollu gurisdizzjoni biex jisma u jaqta' biss it-talbiet kollha ta' flus ta' ammont mhux izjed minn Lm1500 (elf u hames mitt lira Maltin).

Fl-istess sentenza fuq imsemmija jinghad:

“L-Att kostituttiv tieghu ma jaghtihx l-kompetenza biex jissindika l-eghmil imwettaq minn awtorita’ pubblika u li jistharreg il-validita’ ta’ xi eghmil amministrattiv. L-istess Att bl-ebda mod ma jikkwalifika lit-Tribunal bhala Qorti ta’ gustizzja ta’ gjurisdizzjoni civili.”

Illi l-avviz kif impostat jimporta decizjoni tat-Tribunal wara li jkun stharreg l-ghemil amministrattiv. Mertu dan li jezorbita kompletament mill-kompetenza specjali u limitata tieghu.

Ghal dawn il-motivi jilqa’ l-ewwel eccezzjoni tal-korporazzjoni dwar l-inkompetenza “rationae materiae” sollevata mill-konvenuti, jiddikjara ruhu inkompetenti li jiehu konjizzjoni tal-kaz odjern u konsegwentement jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ l-istess kaz, u jillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra l-attur.

-------------------------------TMIEM-------------------------------